

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT**Dubravka ŠUICA****Il-Mediterran****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?

Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Bi trasparenza sħiħa, niddikjara li ma twelidtx f'demokrazija! Għalkemm għext taħt reġim mhux demokratiku, xorta ħassejt konnessjoni permezz ta' valuri komuni kondiviżi ma' oħrajn lil hinn minn dak ir-reġim. It-tama ta' ħajja aħjar għall-ġenerazzjonijiet futuri tgħin tgħaqqad il-popli ta' ħafna xtut! Din l-esperjenza tagħmilni difensur qawwi tad-demokrazija. Id-demokrazija hija privileġġ u responsabbiltà li tispira l-appoġġ tiegħi għal-Linji Gwida Politiċi 2024–2029 li huma bbażati fuq id-demokrazija u l-ġustizzja soċjali, il-prosperità sostenibbli u d-difiża u s-sigurtà. Jekk nagħżlu l-Ewropa, l-aħjar għażla tagħna hija l-Unjoni!

Din hija t-tieni darba li qed infittex l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew bħala Kummissarju nnominat, din id-darba għall-portafoll dwar il-Mediterran. L-istorja ta' nies bħali hija indikattiva tas-setgħa ġeopolitika u strateġika tal-Unjoni Ewropea, bħala attur reġjonali u globali. Il-karriera tiegħi bħala għalliema u bħala politiku eletta fil-livelli kollha ta' governanza matul tliet deċennji tipprovdi pedament eċċellenti biex nirnexxi fil-livell Ewropew. L-esperjenza tiegħi bħala sindku ta' Dubrovnik għal darbtejn (mill-2001 sal-2009) hija ta' arrikkiment peress li l-politika kollha hija lokali! Matul dak iż-żmien waqfaft l-ewwel Kunsill tal-Belt tat-Tfal. Id-demokrazija rappreżentattiva trid tilħaq l-aspettattivi taċ-ċittadini fuq il-post. Ġejt eletta fil-Parlament Kroat mill-2000 sal-2011. Ħdimt għal 10 snin (2004–2014) bħala Viċi President tal-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa, li l-pilastri ewlenin tiegħu huma d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem.

Bħala Ewropew konvint, għandi esperjenza estensiva fil-proċess ta' integrazzjoni tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari bħala Viċi President tal-Kumitat għall-Integrazzjoni Ewropea tal-Parlament Kroat. Ġejt eletta Membru tal-PE għal erba' mandati konsekuttivi u kont Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin. Il-ħames snin tiegħi bħala Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija u d-Demografija saħħew l-approċċ kolleġġjali tiegħi għall-ħidma tiegħi u wittew it-triq għall-ħidma tagħna fil-mandat li jmiss. Il-kolleġġjalità hija essenzjali biex tiżgura l-koerenza, l-effettività u l-kwalità tal-politiki li nwettqu għaċ-ċittadini. Se nwettaq il-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-President u l-kollegi sħabi kollha! Għandi rekord qawwi ta' rispett sħiħ lejn it-Trattati tal-UE u lejn l-obbligu li nagħixxi fl-interess Ewropew. Ir-rwol indipendenti tiegħi mhuwiex negozjabbli. Jekk niġi kkonfermata, se nirrispetta bis-sħiħ l-ittra u l-ispiritu tat-Trattat u nagħixxi fl-interess Ewropew mingħajr ma nieħu l-ebda struzzjonijiet, f'konformità mal-obbligi tat-Trattat (l-Artikolu 17.3 TUE, l-Artikoli 245 u 339 TFUE). Nimpenja ruħi li nevita kwalunkwe sitwazzjoni fejn jistgħu jiġu kkontestati l-indipendenza, l-imparjalità u d-disponibbiltà tiegħi għall-Kummissjoni. Se nkompli nonora l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-kunflitt ta' interess. Id-Dikjarazzjoni tal-Interessi tiegħi hija kompluta u aċċessibbli għall-pubbliku. Se nkompli nagġornaha fil-ħin, kif meħtieġ. Ir-rekord tiegħi bħala Membru għal żmien twil tal-Parlament Ewropew juri b'mod konkret li ssodisfajt l-obbligi kollha tiegħi lejn l-istituzzjonijiet.

Se nerġa' napplika l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha tar-responsabbiltà tiegħi, f'allinjament mal-obiettivi tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020–2025 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneri III. Fil-kabinet attwali tiegħi n-nisa huma rappreżentati sew. Ma nara l-ebda ġustifikazzjoni biex inbidel l-approċċ tiegħi. Il-ġlieda għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri tfisser ukoll implimentazzjoni. Bħala eks Membru tal-PE mill-2013 u bħala Viċi President tal-EPP Women, jiena promotriċi attiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki Ewropej kollha u fi ħdan il-proċessi Ewropej tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Fil-Kumitat FEMM, ħdimt biex intejbu l-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza. Is-servizz tiegħi fl-ewwel Kummissjoni Ewropea li qatt kellha bilanċ bejn il-ġeneri saħħaħ it-tfassil ta' politika tagħna. Fir-rwol attwali tiegħi, mexxejt l-Istrateġija dwar id-Dritt tat-Tfal. Għandi esperjenza estensiva ta' involviment mat-tfal u ż-żgħażaġh, inkluż minn perspettiva interġenerazzjonali. Iż-żgħażaġh jiffurmuw terz tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej (abbażi tal-panels tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa li jiena kopresedejt). Kull sena se norganizza Djalogi ta' Politika maż-Żgħażaġħ bħala parti mill-approċċ ġenerali tiegħi biex ninkorpora l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħidma tagħna. Jekk niġi kkonfermata, se niffoka l-isforzi tiegħi biex inżid ir-rwol strateġiku tal-UE fir-reġjun u niprijoritizza l-Patt il-ġdid għall-Mediterran, strateġija komprensiva bbażata fuq aġenda bilaterali u reġjonali b'inizjattivi konkreti, inklużi l-kooperazzjoni fl-enerġija u t-teknoloġija nadifa, l-edukazzjoni u l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' xogħol għaż-żgħażaġh. Bħala kap tad-delegazzjoni Parlamentari Kroata għall-Assemblea Parlamentari tal-Mediterran, irċevejt appoġġ kbir għar-rapport tiegħi dwar l-isfidi ewlenin li l-Mediterran se jkoll wiċċ magħhom, inkluż l-impatt tal-fatturi demografiċi. Jekk niġi kkonfermata, dan se jipprovi sfond li ilu għaddej is-snin għall-ħidma futura tiegħi fuq il-Mediterran.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?

Liema impenji speċifiċi lesta li tiegħu fir-rigward tal-involviment u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi pjanati jew il-proċeduri attwali, lesta tipprovi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Il-karriera tiegħi, inkluża l-pożizzjoni attwali tiegħi, turi l-importanza li nagħti lir-relazzjonijiet interistituzzjonali, b'mod partikolari mal-Parlament Ewropew. Ir-rispett għall-Membri minn dejjem kien prinċipju gwida fil-ħidma tiegħi u se nkompili nżomm dan l-approċċ jekk niġi kkonfermata f'dan ir-rwol il-ġdid. Meta kont Membru tal-PE, appellajt għal trasparenza sħiħa mill-Kummissjoni Ewropea. Jekk niġi kkonfermata, għal darb'oħra se nonora din is-sejħa, bħala parti minn demokrazija rappreżentattiva reżiljenti u li tiffunzjona tajjeb. Minix sempliċement inwiegħed dan l-impenn. Ir-rekord tiegħi jitellem għalih innifsu. L-ewwel diskors tiegħi bħala Viċi President tal-Kummissjoni, għamiltu lill-Parlament Ewropew (PE) fil-15 ta' Jannar 2020. Dakinhar għidt li nqis lill-Parlament bħala ħabib mill-qrib u sieħeb affidabbli għall-kisba ta' riżultati għaċ-ċittadini tagħna. Permezz ta' djalogu miftuħ u kollaborazzjoni effettiva mal-Parlament, se niżgura li l-inizjattivi tagħna jirriflettu l-aspirazzjonijiet u l-ħtiġijiet tal-Ewropej hekk kif navvanzaw bl-aġenda lejn sħubija Mediterranja aktar b'saħħitha. Iltqajt regolament ma' Membri tal-PE li kienu qed jaħdmu bħala rapporteurs, shadow rapporteurs u koordinaturi.

Fl-2019, impenjajt ruħi bil-miktub li dejjem nappoġġja kooperazzjoni aktar profonda mal-istituzzjonijiet Ewropej kollha. Eżempju ta' dan huwa l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, meta stabbilixxena d-Dikjarazzjoni Konġunta u waqqafna s-Segretarjat Komuni bla preċedent biex niffaċilitaw il-ħidma komuni tagħna. Meta l-faċi deliberattiva ntemmet, komplejna naħdmu flimkien fuq is-segwitu u l-feedback dwar il-Konferenza, kull istituzzjoni skont il-qasam ta' kompetenza tagħha stess. Kif indikat fil-Linji Gwida Politiċi tal-President von der Leyen, se nappoġġja lill-Kulleġġ billi nattendu d-dibattiti tal-plenarja, il-laqgħat tal-kumitati u l-iskambji tat-trilogi marbuta mal-portafoll propost tiegħi. Sabiex inkompili nsaħħaħ ir-relazzjoni speċjali bejn il-Parlament u l-Kummissjoni, se rrawwem ambjent ta' rispett u ta' fiduċja, inklużi skambji bil-magħluq mal-Kumitat AFET u ma' kumitati u gruppi ta' ħidma rilevanti oħra. Il-ħidma tiegħi fl-oqsma tad-Demokrazija u d-Demografija inkludiet skambji regolari kemm dwar proposti ġodda kif ukoll dwar is-sitwazzjoni attwali tad-diversi inizjattivi, ma' għadd ta' kumitati, jiġifieri l-Kumitat EMPL, il-Kumitat AFCO, il-Kumitat LIBE u l-Kumitat FEMM. Jekk niġi kkonfermata, se nkompili nappoġġja l-fluss trasparenti ta' informazzjoni.

Il-kooperazzjoni mal-Parlament, l-unika istituzzjoni li tirrappreżenta direttament liċ-ċittadini Ewropej, hija essenzjali minħabba r-rwol tagħha bħala koleġiżlatur. Nimpenja ruħi li nimplimenta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tat-Trattati fil-kollaborazzjoni tagħna. Se niżgura li s-servizzi taħt ir-responsabbiltà tiegħi joffru, b'mod konsistenti u proattiv, tagħrif u informazzjoni lill-Membri f'format xieraq. Ir-relazzjoni tagħna se tkun ibbażata fuq il-lealtà, il-fiduċja, it-trasparenza, il-fluss ta' informazzjoni bidirezjonali u l-assistenza reċiproka. Il-prinċipji stabbiliti fil-

Ftehim Qafas tal-2010 se jkomplu wkoll jiggwidaw l-azzjonijiet tiegħi. Jiena nħaddan ukoll l-impenn tal-President li tkompli tappoġġja r-rwol aktar b'saħħtu tal-Parlament fit-tnedija u t-tfassil tal-leġiżlazzjoni, li tqis ir-riżoluzzjonijiet tal-Artikolu 225 tal-Parlament bi proposti leġiżlattivi bħala prijorità għolja fuq l-aġenda tal-Kummissjoni u li ssegwihom bi djalogu strutturat mal-kumitati responsabbli.

Il-ħidma tiegħi fuq Patt Ġdid għall-Mediterran se jkollha l-karatteristika distintiva tal-Parlament Ewropew, minħabba l-esperjenza tiegħu fil-viċinat u fl-approfondiment ta' sħubijiet strateġiċi u komprensivi fir-reġjun. Nintrabat li ninvolvi ruħi mal-Membri tal-Parlament Ewropew fil-ħin, b'mod rilevanti u komprensiv.

Nieħu din l-opportunità biex nenfasizza wkoll l-importanza jiena nagħti lir-relazzjonijiet interistituzzjonali f'sens ġenerali u b'mod aktar speċifiku li tinżamm kollaborazzjoni eċċellenti mal-korpi konsultattivi tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Regġuni.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

3. Il-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029 jissottolinjaw il-ħtieġa ta' approċċ aktar strateġiku għall-viċinat usa' tal-UE, speċjalment il-Mediterran. Il-portafoll tiegħek jinkludi mhux biss ir-reġjun tal-Mediterran, iżda anki l-Viċinat tan-Nofsinhar usa', inkluż il-Lvant Nofsani. Kif tipprevedi d-diviżjoni tal-kompiti u l-komplementarjetà tar-rwoli mal-Viċi President/Rappreżentant Għoli rigward il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq (MENA)? Mingħajr preġudizzju għall-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, x'ikunu l-prijoritajiet u l-obiettivi/l-għanijiet konkreti tiegħek għal dan il-portafoll fuq perjodu qasir, medju u twil (għat-tul tal-mandat tiegħek), u x'inhuma l-isfidi ewlenin (internazzjonali, reġjonali, bilaterali, istituzzjonali, eċċ.) li tara fit-triq lejn l-ilħuq ta' dawk il-prijoritajiet u l-obiettivi, u kif biħsiebek tegħlibhom?

Ninsab onorata li l-President innominatni biex immexxi dan il-portafoll strateġikament importanti. Konxja bis-siħħ tar-responsabbiltà kbira li dan jinvolvi: jiġifieri t-tfassil mill-ġdid tar-relazzjoni bejn l-UE u l-viċinat tan-Nofsinhar usa' fi żmien partikolarment diffiċli.

Jekk niġi kkonfermata, l-objettiv ġenerali tiegħi se jkun li nisfrutta l-firxa ssiħha tal-politiki u l-istrumenti tal-UE fi:

- a. il-koperazzjoni ekonomika u għall-iżvilupp,
- b. l-enerġija,
- c. it-trasport,
- d. il-konnettività diġitali,
- e. il-migrazzjoni u s-Sħubijiet ta' Talent
- f. u politiki oħra.

Il-viżjoni tiegħi hija li nużahom biex naslu għall-kisba tal-istabbiltà, il-paċi u l-prosperità fir-reġjun. Irridu rrawmu s-sħubija tagħna u nelevaw aktar ir-reputazzjoni u l-kredibbiltà tal-UE bħala sieħeb affidabbli u essenzjali. Madankollu, jiena konxja bis-siħħ ukoll mill-bosta **sfidi** li jostakolawna.

1. Il-livell ta' instabbiltà fil-Lvant Nofsani huwa bla preċedent u dan jirriżulta fi ħtieġa sinifikanti għal assistenza umanitarja u riskji ta' spostament ta' rifuġjati. Fir-rigward tal-Afrika ta' Fuq, l-isfidi marbuta mat-tibdil fil-klima u l-livelli għoljin ta' qgħad fost iż-zgħażaġh jitolbu investimenti akbar.
2. Ir-rivali tagħna qed jagħmlu progress konsiderevoli fir-reġjun. Pajjiżi bħaċ-Ċina u r-Russja qed jimponu n-narrattivi tagħhom stess u qed jipromwovu l-interessi tagħhom stess, filwaqt li r-reputazzjoni tal-UE tinsab taħt pressjoni.
3. L-ispazju ċiviku qed jiċkien f'ħafna pajjiżi, u qed naraw rigress fid-demokrazija u l-libertajiet fundamentali. Dan ifixkel il-prosperità u l-istabbiltà ekonomika, kif ukoll is-sigurtà fit-tul fil-livelli nazzjonali u reġjonali.

4. Ħafna ekonomiji tar-reġjun huma fraġli u milquta minn inflazzjoni għolja, bilanċ fqir ta' pagamenti, tkabbir bil-mod u qgħad strutturali għoli.
5. Filwaqt li r-reġjun qed jesperjenza tkabbir rapidu fil-popolazzjoni, in-nisa u ż-żgħażaġħ mhumiex integrati biżżejjed fis-suq tax-xogħol, u dan iwassal għal opportunitajiet mitlufa u prestazzjoni ekonomika insuffiċjenti.
6. L-isfidi marbuta mat-tibdil fil-klima u l-aċċess għar-riżorsi qed ipoġġu aktar pressjoni fuq il-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli u s-setturi ekonomiċi ewlenin bħall-agrikoltura u t-turiżmu, b'effetti konsegwenzjali negattivi.

Għandna l-għan li ninvolvu ruġna fi djalogu u kooperazzjoni kostruttivi mal-Viċinat tan-Nofsinhar abbażi ta' interessi u valuri kondiviżi. U bl-użu ta' firxa ta' politiki nistgħu nipprovdni opportunitajiet ta' benefiċċju reċiproku.

Jekk niġi kkonfermata Kummissarju, determinata li **naħdem fi sħubija mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President**. Peress li diġà kont membru tal-Kulleġġ, jiena familjari ħafna mal-prinċipju tal-Kulleġġjalità għall-kisba tar-riżultati għaċ-ċittadini tagħna. Filwaqt li naħdmu mill-qrib mar-RGħ/VP, se niżguraw rispons unifikat tal-UE għall-isfidi kumplessi fir-reġjun tal-Mediterran dwar inklużi l-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-istati tal-Golf. Koordinazzjoni effettiva u mill-qrib bejn l-offerti ta' politika u l-implimentazzjoni tagħhom, mirfuda minn sforzi diplomatiċi, se jkunu kruċjali biex jissaħħu l-vuċi u r-rwol tal-UE fir-reġjun. Jekk niġi kkonfermata f'dan ir-rwol, se mmexxi t-tnejn ta' **Patt ġdid għall-Mediterran**, filwaqt li naħdem mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President u kolleġi rilevanti oħra fil-Kulleġġ. Hemm fehim komuni mas-sħab tagħna li sħubija Mediterranja msaħħa hija imperattiv strateġiku, essenzjali għall-prosperità, is-sigurtà u r-reżiljenza sostenibbli komuni tagħna. Dan huwa punt tat-tluq qawwi li fuqu wieħed jista' jibni fil-preżent - għall-futur. M'hemm l-ebda dubju li l-UE tibqa' l-aktar sieħeb importanti tar-reġjun f'termini ta' kummerċ, appoġġ finanzjarju u mobbiltà. Dan ir-rwol, kif għidt, iġib miegħu responsabbiltà kbira. Patt Ġdid għall-Mediterran joffri approċċ aktar iffukat u integrat, li jipprovdni qafas operazzjonali konkret għall-impenn tal-UE u offerta aktar ċara ta' kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku lis-sħab tagħna. Ninsab fiduċjuża li s-sħab tagħna se jqisu dan bħala punt ta' bidla kostruttiva u pożittiva fir-relazzjoni tagħna!

Huwa għalhekk li l-Patt inqis bħala **opportunità trippla**: l-ewwel nett, jenfasizza li l-UE tqis ir-relazzjonijiet tagħha mar-reġjun u fir-reġjun bħala prijorità politika; it-tieni nett biex jibni mill-ġdid il-fiduċja permezz ta' djalogu u konsultazzjoni estensivi; it-tielet nett biex jistabbilixxi aġenda kuraġġjuża u ffukata ta' prijoritajiet miftiehma u konkreti f'oqsma ta' benefiċċju reċiproku. Il-Patt għandu jibni fuq l-Aġenda eżistenti għall-Mediterran li tiffoka fuq oqsma ta' interess reċiproku, bħall-investimenti, il-kummerċ, l-istabbiltà ekonomika, il-ħolqien tal-impjiegi, il-konnettività, l-enerġija, it-trasport, l-ikel, is-sigurtà u l-migrazzjoni, kif ukoll l-edukazzjoni u x-xjenza. Ninsisti fuq il-fatt li jeħtieġ ikun iċċentrat fuq in-nies u jiżviluppa aktar, flimkien mal-pajjiżi sħab, inizjattivi bbażati fuq il-valuri komuni u d-djalogu, li jappoġġja l-governanza tajba u jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili.

Il-Patt jipromwovi **sħubija ġenwina** bbażata fuq approċċ prammatiku u ċċentrat fuq l-interess reċiproku.

Dan l-approċċ għandu jgħin lill-UE ssir sieħba saħansitra aktar effettiva fil-promozzjoni tal-istabbiltà, il-prosperità u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti fir-reġjun.

Is-**Sħubijiet Komprensivi u Strateġiċi** mas-sħab interessati flimkien ma' inizjattivi ta' dimensjoni reġjonali jistgħu jkunu l-ewwel pilastru tal-Patt il-ġdid. Dawn is-Sħubijiet se japprofondixxu b'mod sinifikanti l-kollaborazzjoni f'oqsma prijoritarji ta' interess reċiproku u jsaħħu l-preżenza tal-UE fir-reġjun. L-aspirazzjonijiet komuni tagħna għall-prosperità, il-kompetittività, il-ġestjoni tajba tal-migrazzjoni u s-sigurtà għandhom ikunu ggwidati mir-rispett għall-valuri fundamentali.

L-inizjattivi ta' investiment reġjonali jistgħu jikkostitwixxu t-tieni pilastru tal-Patt il-ġdid, biex jimmobilizzaw l-investimenti fuq skala kbira u jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir fir-reġjun. Jekk niġi kkonfermata f'dan ir-rwol, se nimmira li nkabbar b'mod sostanzjali l-kooperazzjoni ekonomika bilaterali mas-sħab fir-reġjun, b'mod partikolari fis-setturi tal-enerġija u tal-manifattura tat-teknoloġija nadifa. Flimkien mal-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni u s-sħab fir-reġjun, se nistabbilixxi **inizjattiva ta' kooperazzjoni trans-Mediterranja dwar l-enerġija u t-teknoloġija nadifa** biex jidied in-negozjar tal-enerġija rinnovabbli u tingħata spinta lill-manifattura tat-teknoloġija nadifa fir-reġjun, b'mod partikolari permezz tal-Global Gateway. L-UE u s-sħab tagħna se jiggwadanjaw bi tliet modi: f'termini tad-dekarbonizzazzjoni, l-aċċess

għall-enerġija rinnovabbli kostkompetittiva u l-iżvilupp soċjoekonomiku li jirriżultaw mill-investimenti u l-ħolqien tal-impjiegi f'dawn is-setturi b'potenzjal għoli. Din l-inizjattiva tista' tiġi segwita minn inizjattivi ta' investiment reġjonali oħra li jiffukaw fuq il-konnettività diġitali u tat-trasport.

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se naħdem ukoll mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President fuq l-iżvilupp ta' **Strateġija ġdida għal-Lvant Nofsani**, bil-ħsieb tal-perjodu ta' wara l-gwerra f'Gaza, li tiffoka fuq il-promozzjoni tal-passi kollha meħtieġa għal soluzzjoni ta' żewġ stati u t-tisħiħ tas-sħubijiet mal-partijiet ikkonċernati reġjonali ewlenin. L-istrateġija tinkludi programm li jakkumpanja **lill-Awtorità Palestinjana** fir-riformi u l-proċess ta' modernizzazzjoni tant meħtieġa, kif ukoll inizjattivi li jappoġġjaw **l-irkupru u r-rikostruzzjoni ta' Gaza** ladarba s-sitwazzjoni tippermetti dan. Se naħdem biex insaħħaħ il-kooperazzjoni tagħna mal-Libanu ħalli niżgura li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet immedjati, f'koordinazzjoni sħiħ mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President u l-Kummissarju għall-Preparatezza u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet.- Se jkollna nżidu l-isforzi tagħna biex nappoġġjaw lir-rifuġjati fir-reġjun kollu, inkluż fir-rigward tar-ritorn volontarju, u fis-Sirja, filwaqt li nsibu modi kif nappoġġjawhom b'mod aktar effettiv fil-qafas politiku kif definit mill-Kunsill Ewropew. L-involviment tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-sħab internazzjonali tagħna se jkun kruċjali għas-suċċess ta' dawn l-isforzi.

Barra minn hekk, l-involviment **mal-pajjiżi tal-Golf** huwa essenzjali. L-UE u dan ir-reġjun għandhom haġna x'jiggrawdanjaw, f'termini ta' opportunitajiet ekonomiċi u objettivi ta' sigurtà, minn sħubija aktar b'saħħitha u aktar strateġika. Bħala portal importanti bejn l-Ewropa, l-Asja u l-Afrika, is-sitwazzjoni tas-sigurtà u l-istabbiltà tar-reġjun tal-Golf għandha konsegwenzi diretti għall-UE. Bl-istess mod, l-UE għandha haġna x'toffri lis-sħab tal-Golf bħala l-akbar suq uniku, blokk kummerċjali u investitur fid-dinja, attur ewlieni fir-riċerka u l-innovazzjoni, u medjatur u promotur importanti tal-multilateraliżmu, id-demokrazija u t-trasformazzjoni soċjali. Jekk niġi kkonfermata, flimkien mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President u Kummissarji rilevanti oħra, se mmexxi 'l quddiem l-inizjattiva tagħna biex insaħħu l-kooperazzjoni reġjonali u bilaterali inkluż is-segwitu tal-**Ftehimiet ta' Sħubija Strateġika ma' kull wieħed mis-sitt pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf** (GCC, Gulf Cooperation Council) bil-ħsieb li nkomplu nsaħħu r-relazzjonijiet bilaterali tagħna permezz ta' oqfsa ta' kooperazzjoni strutturati, imfassla apposta u legalment vinkolanti f'oqfsa ta' interess reċiproku. Dawn il-ftehimiet jista' jkollhom rwol importanti fl-iffokar mill-ġdid tal-aġenda ta' kooperazzjoni tagħna fuq objettivi moderni u fit-trawwim tas-sigurtà, l-istabbiltà u t-tkabbir ekonomiku bejn iż-żewġ reġjuni. Jekk niġi kkonfermata, se nagħti segwitu għall-ewwel Summit ta' Brussell UE-GCC li qatt sar fis-16 ta' Ottubru 2024 u f'dan ir-rigward niżgura wkoll li l-UE u r-reġjun tal-Golf jingħaqdu flimkien għar-rikostruzzjoni ta' Gaza u għal inizjattivi ta' investiment fir-reġjun tal-Mediterran.

Pjan ta' komunikazzjoni b'saħħtu u strateġiku huwa għodda vitali biex l-UE u s-sħab tagħha jkunu jistgħu verament jibbenefikaw mill-ambizzjonijiet tagħna. Se naħdem mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President biex **nippreżentaw b'mod konġunt pjan ta' komunikazzjoni strateġika** biex nipromwovu r-rwol tal-UE fil-Viċinat tan-Nofsinar iżda wkoll niġġieldu n-narrattivi kontra l-UE. Huwa ovvjw li l-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE jridu jirrikonoxxu l-orijini tagħhom u jiżguraw il-viżibbiltà tagħhom. Din hija wkoll kwistjoni ta' ħidma fil-livell lokali. L-esperjenza tiegħi f'livelli differenti ta' governanza se tikkontribwixxi biex jiġi żgurat li nkunu nistgħu ninvolvu ruħna mal-komunitajiet lokali f'din il-ħidma. Il-komunikazzjoni tagħna trid taqbel mal-ambizzjonijiet tagħna u għandha tinkludi rekwiżiti ta' sensibilizzazzjoni, trasparenza u viżibbiltà.

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se jkun essenzjali li naħdmu id f'id mal-membri l-oħra tal-Kulleġġ u nżommu kuntatti mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew biex nisfruttaw il-forzi kollettivi tagħna u nimmassimizzaw l-impatt tal-politiki tagħna fir-reġjun kollu.

4. B'segwitu għall-gwida ġenerali mill-President tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tar-relazzjoni tal-Kummissjoni mal-Parlament Ewropew, tista' jekk jogħġbok tagħti dettalji dwar kif biħsiebek:

- *tinvolti b'mod proattiv u effettiv lill-Parlament (bħala attur integrali ta' "Tim Ewropa") mill-aktar stadji bikrija fil-proċessi tal-elaborazzjoni u l-iżvilupp tal-prijoritajiet u l-objettivi tiegħek;*
- *iżżomm skambji regolari ta' fehmiet fil-Plenarja u mal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin; tiżgura "djalogu strutturat" u l-preżenza ad hoc tiegħek fil-Kumitat b'avviż f'daqqa f'każ ta' eventi sinifikanti jew żviluppi kbar; tiżgura l-attenzja tiegħek fil-Konferenzi Interparlamentari dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)/Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) meta jkun rilevanti;*
- *tiżgura li l-pożizzjonijiet tal-Parlament jitqiesu kif xieraq fil-proposti għal atti legali u komunikazzjonijiet u strateġiji ġodda jew aġġornati tal-UE, u tiżgura li l-Parlament u b'mod partikolari l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tiegħu jiġu infurmati u kkonsultati b'mod sistematiku u f'waqtu dwar tali proposti u dokumenti (inkluża konsultazzjoni dwar il-prijoritajiet u l-pożizzjonijiet tal-politika barranija tal-UE fir-rigward tar-reġjun MENA,*

bħall-Patt il-Ġdid għall-Mediterran propost) u sinkronizzazzjoni aħjar tal-attivitajiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament (pereżempju permezz tal-kondiviżjoni sistematika bil-quddiem tal-iskedi ta' żmien ipplanati għar-rilaxx ta' dokumenti strateġiċi uffiċjali, laqgħat u summits ministerjali, proposti biex jinfetħu negozjati dwar ftehimiet internazzjonali, djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, eċċ.);

- *tiżgura li l-Parlament jirċievi informazzjoni u dokumenti rilevanti b'rilevanza għall-portafoll tiegħek, inklużi dawk kondiviżi mal-Kunsill, u li l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jiġi infurmat immedjatament u bis-sħiħ, bil-miktub u bil-fomm, u dwar in-negozjati ta' ftehimiet internazzjonali, inklużi memoranda ta' qbil, u li l-fehmiet tal-Parlament jitqiesu kif xieraq qabel ma jibdeu in-negozjati u matul il-proċess kollu;*

- *tiżgura li l-Parlament jingħata informazzjoni pertinenti u rilevanti mhux pubblika matul il-laqgħat bil-magħluq;*

- *iżżomm u tiżgura aktar kooperazzjoni, koordinazzjoni u effiċjenza tal-attivitajiet ta' appoġġ għad-demokrazija bejn il-Kummissjoni u l-Parlament?*

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju għall-Mediterran, beħsiebni ninvolvi b'mod proattiv u effettiv lill-Parlament Ewropew mill-istadji l-aktar bikrija tal-proċessi ta' elaborazzjoni u ta' żvilupp tal-prijoritajiet u l-oġettivi tiegħi. Ir-rekord tiegħi bħala Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea juri l-importanza li nagħti lir-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew. Se norganizza skambji ta' fehmiet regolari fil-Plenarja u mal-kumitati parlamentari permezz ta' djalogi strutturati u ad hoc, kif xieraq. Inkluż fi żmien qasir fil-każ ta' avvenimenti sinifikanti jew żviluppi kbar. Jiena ninsab lesta li ninforma lill-Parlament u lill-Kunsill fl-istadji varji tat-tnejn u l-implimentazzjoni ta' Sħubijiet Strateġiċi u Komprensivi ġodda, filwaqt li nippreżerva l-bilanċ istituzzjonali b'rispett sħiħ tal-prerogattivi tal-Parlament għall-iskrutinju demokratiku u l-qafas legali applikabbli.

Se niżgura li l-Parlament jirċievi l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti u li l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jiġi infurmat bis-sħiħ dwar in-negozjati ta' ftehimiet internazzjonali. Se niżgura wkoll li l-fehmiet tal-Parlament jitqiesu kif xieraq. Barra minn hekk, se nipprovi lill-Parlament informazzjoni pertinenti u rilevanti mhux pubblika matul il-laqgħat bil-magħluq, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali jew sensitiva ħafna.

Jekk ninħatar, se niżgura li fil-qafas tad-Djalogu Ġeopolitiku ta' Livell Għoli (HLGD, High-Level Geopolitical Dialogue) biannwali dwar l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI-Ewropa Globali), il-Parlament jirċievi informazzjoni sinifikanti dwar kif il-fondi tal-UE huma programmati u implimentati fir-rigward tal-pajjiżi tal-Mediterran. Se nibqa' miftuħa għall-fehma tal-Parlament dwar kif tista' tiġi żgurata implimentazzjoni aħjar tar-riżorsi finanzjarji taħt il-mandat tiegħi.

Jiena lesta li nesplora kif nista' ninvolvi ruħi fil-ħidma tad-delegazzjonijiet interparlamentari u mal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran, għall-iżvilupp ta' fehim reċiproku dwar is-soluzzjonijiet u l-isfidi komuni li għandhom jinstabu.

Se naħdem ukoll mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex niżgura li t-trasparenza tiggwida l-proċessi varji relatati mal-Viċinat tan-Nofsinar u biex niżgura segwitu koordinat u koerenti għar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali u inizjattivi oħra mmirati lejn it-trawwim ta' standards demokratiċi u t-tisħiħ tal-istabbiltà politika fir-reġjun.

Bħala ex Membru tal-Parlament Ewropew napprezza bis-sħiħ ir-rwol li għandu l-Parlament Ewropew, anke permezz tad-diplomazija u l-missjonijiet parlamentari. Bħala ex Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin għandi apprezzament qawwi għall-importanza tal-ħidma ta' dan il-Kumitat u se nkompli niffaċilita r-rwol tiegħu fil-proċess ta' tfassil ta' politika taġna.

5. Ir-reġjun tal-Mediterran għadu qed jiffaċċja sfidi kbar, bħal kunflitti, kriżijiet u migrazzjoni irregolari, li jikkostitwixxu ostakli kbar għall-istabbiltà politika u l-iżvilupp, kif ukoll għall-paċi u s-sigurtà. Ingħatajt il-kompitu li tmexxi l-ħidma (flimkien mal-Viċi President/Rappreżentant Għoli) fuq il-Patt il-Ġdid għall-Mediterran, li se jsir fiit wara l-Aġenda l-Ġdida għall-Mediterran tal-2021. L-Aġenda l-Ġdida tal-2021 kif ikkontribwiet verament biex ittejjeb is-sitwazzjoni, dan il-Patt il-Ġdid kif se jipprovi rispons aħjar għalihom, u kif tiġġustifika l-ħtieġa ta' Patt aktar komplet? Kif se tiżgura proċess parteċipattiv li jinkludi lill-Parlament u lill-pajjiżi sħab fl-elaborazzjoni tal-istrateġija, għall-kuntrarju tal-mod kif ġiet żviluppata l-Aġenda l-Ġdida? Kif se timpenja ruħek b'mod proattiv u effettiv mal-Parlament Ewropew mill-aktar stadji bikrija fil-proċessi tal-elaborazzjoni u l-iżvilupp ta' dan il-Patt il-Ġdid u fl-operazzjonalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll fil-pjan ta'

komunikazzjoni strateġika l-ġdid biex jiġi promoss ir-rwol tal-UE fil-Viċinat tan-Nofsinhar li għandu jkollu l-għan li jikkontrolla n-narrattivi foloz u d-diżinformazzjoni, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-impenji finanzjarji, inkluż fit-tħejji għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss? Kif se tiżgura li d-drittijiet tal-bniedem jiġu kkunsidrati fl-operazzjonalizzazzjoni tal-Patt il-Ġdid?

Fil-kuntest ta' wara l-COVID, l-Aġenda għall-Mediterran 2021 stabbiliet l-għanijiet komuni tagħna għall-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fuq ix-xtut kollha tal-Mediterran. Dawn jibqgħu validi illum. Il-ħames prijoritajiet tal-Aġenda l-Ġdida għall-Mediterran inkwadraw il-kooperazzjoni mas-sħab tagħna, filwaqt li l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment li jakkumpanja jippermetti l-mobilizzazzjoni sa EUR 30 biljun ta' proġetti u investimenti f'setturi ewlenin bħall-enerġija, l-ambjent, l-ilma/is-sanità, l-agrikoltura, il-qasam diġitali, it-trasport, il-kapital uman u l-iżvilupp tas-settur privat. Minn Settembru 2024, iċ-ċifra ta' fondi mobilizzati tammonta għal EUR 23,5 biljun.

Madankollu, is-sitwazzjoni fir-reġjun evolviet b'mod sinifikanti dan l-aħħar minħabba l-iżviluppi ġeopolitiċi ġenerali, partikolarment aggravati minn kunflitti fir-reġjun jew fil-viċinanzi tiegħu, bħal Gaża, is-Saħel jew il-Qarn tal-Afrika. Approċċ aktar iffukat u strateġiku huwa meħtieġ b'mod urġenti biex l-UE tkun tista' teżerċita influwenza u impatt proporzjonati mal-investimenti tagħha, minħabba l-importanza strateġika tal-Mediterran għas-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità tagħna stess, u r-rabtiet mill-qrib tagħna mar-reġjun.

Il-Patt għandu jsaħħa id-diplomazija tal-UE u jibni fuq is-sħubijiet komprensivi u strateġiċi ġodda żviluppati mat-Tuneżija u l-Eġittu konklużi f'Lulju 2023 u f'Ġunju 2024, rispettivament. Dawn is-sħubijiet ħolqu momentum pożittiv, li għab progress tanġibbli f'oqsma ta' interess kbir għall-UE. Huma pprovdewna għodod utli biex insaħħu d-djalogu mal-awtoritajiet nazzjonali f'konformità max-xewqa konġunta tagħna għal sħubijiet ġenwini.

Sabiex l-offerta tal-UE taħt il-Patt il-Ġdid għall-Mediterran issir aktar ambizzjuża u jkollha impatt akbar, nipproponi li niffukaw fuq żewġ linji ta' ħidma: l-ewwel nett – li jiġu segwiti sħubijiet strateġiċi u komprensivi mas-sħab tar-reġjun, u t-tieni – li d-dimensjoni reġjonali tittieħed f'livell ġdid billi jiġu proposti inizjattivi ta' investiment reġjonali f'oqsma bħall-enerġija, il-konnettività diġitali u tat-trasport, is-sigurtà, u s-Sħubijiet ta' Talent fost l-oħrajn, b'inizjattivi konkreti biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni, bħall-Inizjattiva ta' Kooperazzjoni Trans-Mediterranja dwar l-Enerġija u t-Teknoloġija Nadifa msemmija fl-Ittra ta' Missjoni tiegħi.

Biex niżviluppa dan il-Patt, se naħdem id f'id mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President, kif ukoll mal-pajjiżi tar-reġjun, inklużi l-gvernijiet u l-atturi u l-partijiet ikkonċernati mhux governattivi/tas-soċjetà ċivili, kif ukoll mal-Istat Membri. B'mod partikolari, se tingħata prijorità lid-djalogu maż-**żgħażagħ**, minħabba x-xejriet demografiċi tar-reġjun.

Nemmen li l-Parlament Ewropew għandu rwol importanti x'jaqdi u ninsab ħerqana li nuża l-kontribut tal-Parlament fit-tfassil tal-istrateġija għar-reġjun u fit-tiżiħ tal-implimentazzjoni tagħha fil-livelli kollha.

Determinata li nuża l-istrumenti disponibbli b'mod responsabbli f'konformità mal-prijoritajiet identifikati u fir-rigward tar-regoli istituzzjonali applikabbli kollha, inkluż skambju regolari fil-kuntest tad-djalogu ġeopolitiku ta' livell għoli. Għall-qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, se jkollna bżonn nagħmlu l-almu tagħna biex niżguraw li l-għodod kollha meħtieġa jkunu disponibbli biex jiġu implimentati s-sħubijiet tagħna fir-reġjun, kif ukoll flessibbiltà suffiċjenti biex nindirizzaw l-emerġenzi u l-prijoritajiet il-ġodda, u kooperazzjoni effiċjenti mal-Parlament Ewropew se tkun kruċjali biex jiġu ċċarati u promossi dawn il-prijoritajiet.

Se nipromwovi l-viżibbiltà tal-UE permezz ta' komunikazzjoni pożittiva u proattiva, iżda wkoll permezz ta' komunikazzjoni mfassla apposta. Għal dak l-għan, u kif previst fl-Ittra ta' Missjoni tiegħi, se naħdem mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President fir-reġjun kollu biex niżviluppaw **pjan strateġiku ta' komunikazzjoni** biex nipromwovu r-rwol tal-UE fil-Viċinat tan-Nofsinhar iżda wkoll niġġieldu n-narrattivi kontra l-UE. F'dan il-kuntest se naħdem mill-qrib ukoll mal-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt biex niżviluppaw aktar strateġiji li jindirizzaw id-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI, foreign information, manipulation and interference) li għandhom l-għan li jiddiskreditaw jew jimminaw lill-UE u l-azzjonijiet tagħna. Huma meħtieġa narrattivi konvinċenti **li jappellaw għall-popolazzjonijiet lokali u li jqisu s-sensittivitajiet lokali**. L-involvement mas-servizz pubbliku, il-media indipendenti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa fundamentali wkoll għall-ġlieda kontra l-miżinformazzjoni, id-diżinformazzjoni u l-FIMI. Jekk niġi kkonfermata, se niddiskuti l-pjan ta' komunikazzjoni strateġika mal-Parlament biex nappoġġja l-iżvilupp tiegħu.

Fl-istess ħin, jeħtieġ li l-politiki tal-UE għar-reġjun, inkluż l-appoġġ finanzjarju, jiġu spjegati aħjar **liċ-ċittadini u lill-kontribwenti Ewropej** biex tissaħħa is-sensibilizzazzjoni dwar il-fatt li l-impenn kontinwu tal-UE fir-reġjun

huwa investiment fis-sigurtà proprja tal-Ewropa, f' għestjoni aħjar tal-migrazzjoni, fl-istabbiltà u fil-prosperità. Jekk niġi kkonfermata, l-oġġettiv tiegħi jkun li nqajjem kuxjenza dwar ir-reġjun tal-Mediterran bħala sors ta' opportunitajiet għall-UE, abbażi ta' inizjattivi konkreti bħall-kooperazzjoni trans-Mediterranja dwar l-enerġija u t-teknoloġija nadifa li jistgħu jiġġeneraw benefiċċji reċiproċi għall-UE u l-pajjiżi sħab tagħna. Se nislet xi wħud mit-tagħlimiet meħuda mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa f'dak li għandu x'jaqsam mal-komunikazzjoni maċ-ċittadini tagħna dwar l-impatt tal-involvement fil-Viċinat tan-Nofsinhar.

Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi huma l-pedamenti tal-Unjoni Ewropea u huma ċentrali għas-sħubijiet tal-UE ma' pajjiżi oħra. It-Trattati jistabbilixxu wkoll il-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-azzjoni esterna tal-UE kif ukoll l-għanijiet tagħha. Dan jinkludi s-salvagwardja tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll il-prinċipji tad-dritt internazzjonali u l-identifikazzjoni ta' interessi u oġġettivi strateġiċi. L-operazzjonalizzazzjoni tal-Patt għall-Mediterran, inkluża l-konklużjoni tas-sħubijiet strateġiċi u komprensivi, mhijiex eċċezzjoni. Jekk niġi kkonfermata, nimpjenja ruħi li nibqa' ggwidata mir-rispett u l-promozzjoni ta' dawn il-prinċipji gwida fit-tħejjija kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-Patt il-Ġdid.

6. Kif biħsiebek tappoġġja lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli fil-Lvant Nofsani, u x'novità tikkostitwixxi l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għal-Lvant Nofsani fir-rigward tal-Istrateġija Konġunta eżistenti għall-Palestina, li tibni fuq l-Isforz ta' Jum il-Paċi tal-Kummissjoni preċedenti u li għandha l-għan li tiżgura rwol diplomatiku aktar b'saħħtu għall-UE sabiex tinkiseb paċi dejjiema bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ Stati? Il-Parlament kif jista' jgħinek, mhux l-inqas ukoll permezz ta' għodod ta' appoġġ għad-demokrazija, bħall-medjazzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet u l-inizjattivi favur id-drittijiet tal-bniedem? L-impenn ġenerali tiegħek fir-reġjun tal-Lvant Nofsani kif se jaqs il-preżenza ta' atturi statali u mhux statali fir-reġjun li huma apertament ostili għall-UE u l-valuri tagħha? Kif biħsiebek tikseb riżultati, u tikkoopera mal-Viċi President/Rappreżentant Għoli, dwar il-pajjiżi tal-Golf li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħek, li mhumiex parti mill-Viċinat tan-Nofsinhar?

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se nappoġġja lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President fl-iżvilupp tal-Istrateġija UE-Lvant Nofsani bl-għan li nipromwovu l-interessi tagħna b'mod li jkun ta' benefiċċju reċiproku, kif ukoll nistabbilizzaw il-pajjiżi u t-territorji fi kriżi. L-Istrateġija l-ġdida għal-Lvant Nofsani għandha tistabbilixxi r-rispons tal-UE għall-isfidi li għaddejjin bħalissa fir-reġjun, bil-ħsieb tal-perjodu ta' wara l-gwerra f'Gaża, filwaqt li tiffoka fuq il-promozzjoni tal-passi kollha meħtieġa lejn soluzzjoni ta' żewġ stati u t-tiħiħ tas-sħubijiet ma' partijiet ikkonċernati reġjonali ewlenin. L-istrateġija tinkludi programm li jakkumpanja **lill-Awtorità Palestinjana** fir-riformi u l-proċess ta' modernizzazzjoni tant meħtieġa, kif ukoll inizjattivi li jappoġġjaw **l-irkupru u r-rikostruzzjoni ta' Gaża** ladarba s-sitwazzjoni tippermetti dan.

L-aġenda ta' kooperazzjoni ekonomika tal-Istrateġija l-ġdida għandu jkollha rwol sinifikanti x'taqdi, peress li l-UE hija l-akbar donatur u sieħeb kummerċjali ta' ħafna pajjiżi fir-reġjun. Il-pilastru tal-kooperazzjoni ekonomika ta' din l-istrateġija jkun ibbażat fuq il-prinċipji gwida li ġejjin: ir-rabta bejn l-iżvilupp ekonomiku u l-prosperità mal-paċi u l-istabbiltà, il-bini fuq sħubijiet strateġiċi u komprensivi aktar b'saħħithom ma' pajjiżi fir-reġjun u l-promozzjoni ta' inizjattivi reġjonali, li jikkontribwixxu biex jiffaċilitaw it-tnaqqis tat-tensjoni. It-tiġdid tal-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, li jiffoka fuq il-promozzjoni tal-passi kollha meħtieġa lejn soluzzjoni ta' żewġ stati, u r-rispons għall-ħtiġijiet umanitarji se jkun element kostitwenti importanti tal-Istrateġija. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' Strateġija UE-Lvant Nofsani komprensiva se jirrikjedi l-istabbiliment ta' sħubijiet b'saħħithom mal-partijiet ikkonċernati reġjonali ewlenin, b'mod partikolari mal-pajjiżi tal-Golf u atturi ewlenin oħra.

F'dan il-kuntest, tista' tkun attraenti l-kooperazzjoni speċifika mal-membri tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC, Gulf Cooperation Council) dwar l-iżvilupp tal-inizjattiva ta' kooperazzjoni trans-Mediterranja dwar l-enerġija u t-teknoloġija nadifa fil-Mediterran u l-ħarsa lejn l-investimenti konġunti tal-istituzzjonijiet ta' finanzjament rispettivi tagħna fir-Rotta tat-Trasport Trans-Kaspju, speċjalment fl-Asja Ċentrali. L-UE tinsab lesta wkoll li tinvolvi ruħha fl-implimentazzjoni tal-Kuritur Ekonomiku bejn l-Indja, il-Lvant Nofsani u l-Ewropa (IMEC, India-Middle East-Europe Economic Corridor) mal-membri tal-GCC, inizjattiva ewlenija bil-potenzjal li ssaħħaħ il-konnettività bejn ir-reġjuni tagħna. Dawn l-inizjattivi mhux biss se joħlqu opportunitajiet konkreti ta' negozju għar-reġjuni rispettivi tagħna u għal dawk li fihom nimpjenjaw ruħna b'mod konġunt, iżda b'mod parallel se jrawmu wkoll is-sigurtà u l-istabbiltà fir-reġjun – tħassib ewlieni kondiviż kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati tal-Golf.

Oqsma oħra ta' kooperazzjoni u allinjament inklużi t-talent u l-mobbiltà taċ-ċittadini se jiġu esplorati bħala parti integrali mis-sħubijiet komprensivi l-ġodda ma' pajjiżi individwali tal-Golf, abbażi tal-interessi u l-kisbiet speċifiċi tagħhom, inkluż fil-qasam tas-sigurtà.

Flimkien ma' sħabi l-Kummissarji, inkompli naħdem f'din id-direzzjoni matul il-mandat tiegħi.

Nemmen li d-delegazzjonijiet interparlamentari għandhom rwol importanti fl-iżgurar ta' rwol diplomatiku aktar b'saħħtu tal-UE fir-reġjun. Il-Grupp tal-PE għas-Sostenn għad-Demokrazija u Koordinazzjoni tal-Elezzjonijiet qed jappoġġja wkoll l-isforzi tal-UE għall-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fuq livell internazzjonali u beħsiebni nappoġġja l-ħidma tiegħu.

L-involvement kontinwu ma' atturi Statali u mhux Statali, inklużi dawk li mhux neċessarjament jikkondividu l-fehmiet tagħna, huwa importanti bħala parti mill-isforzi ġenerali biex tiġi evitata aktar destabilizzazzjoni. Dan huwa mezz essenzjali biex ikompli jiġu promossi l-valuri fundamentali universali, inklużi r-rispett għad-dritt internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

7. Fir-rigward tal-istrumenti ta' finanzjament estern, kif se ttejjeb il-konsistenza, l-effiċjenza u t-trasparenza tal-assistenza fil-Viċinat tan-Nofsinhar, billi tapplika kundizzjonalità stretta u tiżgura rwol ġenwin tal-Parlament Ewropew fit-tmexxija strateġika tal-istrumenti ta' finanzjament estern, inkluż permezz tal-għoti f'waqtu ta' informazzjoni bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tagħhom? X'inhi l-pożizzjoni tiegħek rigward l-użu dominanti reċenti tal-assistenza makrofinanzjarja fil-pakketti ta' assistenza mogħtija lis-sħab fir-reġjun u biħsiebek tkompli l-prattika tal-Kummissjoni preċedenti f'dan ir-rigward?

Il-Kummissjoni bdiet tistabbilixxi sħubijiet strateġiċi u komprensivi ġodda ma' pajjiżi fil-viċinat tan-Nofsinhar tagħha. Il-prinċipju ewlieni ta' dawn is-sħubijiet huwa li l-offerta finanzjarja tal-UE tiġi kkombinata b'mod aktar konsistenti mal-istrumenti ta' politika tagħha biex jiġi massimizzat l-impatt pożittiv u ta' benefiċċju reċiproku li jista' jkollha l-kooperazzjoni tagħna, il-ġenerazzjoni ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-prosperità fir-reġjun kif ukoll l-indirizzar ta' interessi diretti oħra tal-UE. Dawn l-offerti komprensivi huma msejsa fuq l-appoġġ għall-valuri u l-prinċipji universali u mfassla apposta għas-sitwazzjoni ekonomika u politika speċifika biex jitqiesu l-interessi u l-ħtiġijiet strateġiċi kemm tal-UE kif ukoll tas-sħab tagħna.

Dawn il-prinċipji jirfdu s-sħubijiet strateġiċi u komprensivi konklużi mat-Tuneżija u l-Eġittu. Fiż-żewġ pajjiżi, dan l-approċċ għandu l-għan li jiżblokka l-potenzjal enormi għall-investimenti fis-settur privat tal-UE. Is-servizzi tal-Kummissjoni flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna qed isegwu l-implimentazzjoni u l-iżviluppi tagħhom fil-pajjiżi biex jiżguraw li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti jiġu ssodisfati kif xieraq. Filwaqt li s-sħubijiet strateġiċi u komprensivi s'issa rriżultaw fi żviluppi pożittivi f'ħafna oqsma inkluż fir-rigward tal-kooperazzjoni ekonomika u l-istabbilizzazzjoni, ninsab imħassba dwar xi żviluppi f'ċerti pajjiżi sħab, b'mod partikolari fir-rigward tal-isparju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili u l-media. Beħsiebni nsegwi l-loġika "aktar għal aktar" b'approċċ li jkollu flessibilità biżżejjed biex irrawwem kooperazzjoni tajba u nappoġġja żviluppi pożittivi. Determinata li niżgura li d-Delegazzjoni tal-UE u s-sħab tagħna jkomplu jsegwu mill-qrib ħafna l-iżviluppi fuq il-post, u jaħdmu mal-awtoritajiet biex jindirizzaw b'mod kostruttiv tali kwistjonijiet. Fir-rigward tal-użu ta' strumenti ta' finanzjament speċifiċi, huwa importanti li wieħed jiftakar li dawn is-sħubijiet huma mfassla apposta u jibnu fuq sett limitat ta' prijoritajiet identifikati fil-mira u oqsma ta' interess konġunt b'potenzjal għal benefiċċji reċiproċi. Skont il-kuntest ekonomiku tal-pajjiż sieħeb f'dak iż-żmien, u r-rieda politika tiegħu li jirrifirma, dan jista' jinkludi self aġevolat taħt l-Assistenza Makrofinanzjarja (MFA, Macro-Financial Assistance) kif kien il-każ għall-Eġittu. Għandu jiġi nnutat li s-self tal-UE huwa vantaġġuż ħafna peress li jippermetti lill-pajjiż benefiċjarju jagħmel użu mill-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-UE. Is-self jiżgura wkoll li l-pajjiżi sħab ikunu ffukati ħafna fuq l-użu xieraq tagħhom minħabba l-ħtiġijiet ta' ħlas lura fil-futur.

Għall-ġejjieni, determinata li niżgura li l-użu tal-istrumenti kollha possibbli fil-kuntest ta' sħubijiet strateġiċi u komprensivi jkompli jkun ibbażat fuq analiżi soda tal-opportunitajiet kif ukoll tar-riskji relatati mal-użu ta' tali strumenti. Filwaqt li konxja mir-restrizzjonijiet finanzjarji, se rressaq il-każ biex jinżammu l-ġhodod kollha meħtieġa fid-diskussjonijiet li ġejjin dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Għal darb'oħra, jeħtieġ li nibqgħu flessibbli. Nemmen bis-sħiħ li l-involvement tal-Parlament Ewropew huwa importanti f'dak ir-rigward, u determinata li ninvolvi ruħi f'diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha matul il-mandat tiegħi.

F'dan ir-rigward, nemmen li d-djalogu ġeopolitiku ta' livell għoli għandu rwol ewlieni u se niżgura li kemm is-servizzi tiegħi kif ukoll jiena nibqgħu disponibbli għal skambji mal-Parlament Ewropew.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali

8. *Fil-kuntest tad-dinja tax-xogħol li qed tinbidel, kif se tindirizza l-isfidi demografiċi tal-Ewropa u l-konsegwenzi tagħhom għall-individwi u l-familji tagħhom, bħat-tixjiħ tal-popolazzjoni, l-eżodu ta' mħuħ u popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos? X'inċentivi fit-tul tipprevedi biex wieħed jgħix u jaħdem fl-Unjoni Ewropea? U x' miżuri se timplimenta biex iżżid il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għal gruppi sottorappreżentati? X'taħseb li għandhom ikunu l-punti fokali ewlenin f'dan il-qasam f'din il-leġislatura?*

Billi servejt bħala Viċi President tal-Kummissjoni għad-Demokrazija u d-Demografija mill-2019, jiena konxja sew mill-isfidi marbuta **mar-realtà demografika fl-Ewropa** illum. Ninsab kuntenta li għandi l-opportunità li nibni fuq l-għarfien espert miksub matul l-aħħar ħames snin tal-mandat attwali.

Il-popolazzjoni tal-Ewropa qed tixjieħ, u l-forza tax-xogħol tagħha hija mistennija li tiċkien bi kważi miljun ħaddiem kull sena bejn issa u l-2050. Dan jaffettwa ħafna aspetti tas-soċjetà tagħna, inklużi l-kompetittività ġenerali tagħna, il-produttività u d-dinamiżmu tal-ekonomija tagħna, il-funzjonament tas-suq tax-xogħol, il-politiki tagħna dwar iż-żgħażaġh, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll il-baġits pubbliċi tagħna u s-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. Il-kapaċità tagħna li nindirizzaw it-tibdil demografiku tirrifletti ukoll il-kapaċità tagħna li nuru li permezz tad-demokrazija nistgħu niksbu dak li huwa meħtieġ, fejn huwa meħtieġ għaċ-ċittadini tagħna, kemm jekk huma iżgħar fl-età kif ukoll jekk akbar, f'żoni urbani jew rurali eċċ. It-tibdil demografiku jaffettwa wkoll il-kapaċità tagħna li nagħmlu progress lejn prijoritajiet strateġiċi, bħat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. It-tibdil demografiku għandu wkoll dimensjoni territorjali importanti u jista' jaggrava d-disparitajiet bejn l-Istati Membri u fi hdnhom. Xi reġjuni b'mod partikolari huma milquta aktar minn oħrajn peress li jesperjenzaw tnaqqis fil-popolazzjoni u mobbiltà 'l barra sinifikanti ta' ħaddiema żgħażaġh.

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se nibni fuq dak li kiseb il-Kulleġġ attwali u fuq dak li ksibt jien matul il-mandat preċedenti. Se rressaq l-għarfien u l-esperjenza tiegħi u niżgura li nindirizzaw il-kawżi fundamentali tat-tibdil demografiku u nadattaw għal realtajiet ġodda, kif previst fil-Linji Gwida Poliċi tal-President 2024-2029.

Kif enfasizzat fl-Ittra ta' Missjoni tiegħi, il-prijorità tiegħi se tkun li jiġi **implimentat is-Sett ta' Għodod tad-Demografija**, li jiddeskrivi sett komprensiv ta' strumenti regolatorji eżistenti, oqfsa ta' politika u għodod ta' finanzjament disponibbli fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali, biex jappoġġja lill-Istati Membri fil-ġestjoni tat-tibdil demografiku. Is-sett ta' għodod għandu l-għan li jirrikonċilja aħjar l-aspirazzjonijiet tal-familja u x-xogħol bi ħlas; jagħti s-setgħa lill-ġenerazzjoni żagħżuġha u l-ġenerazzjoni akbar fl-età biex jirnexxu; u fejn meħtieġ jgħin biex jimtlew in-nuqqasijiet ta' ħaddiema permezz ta' migrazzjoni legali.

Flimkien mal-Membri l-oħra tal-Kulleġġ, se nkompili nimpjenja ruħi mal-Istati Membri sabiex ngħinjom jimplementaw is-Sett ta' Għodod tad-Demografija fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Irridu nisfruttaw is-sinerġiji bil-ħidma fuq l-ugwaljanza u l-ġustizzja interġenerazzjonali. Bħala parti mill-approċċ tagħna bbażat fuq ix-xjenza għat-tfassil ta' politika, se naħdem biex insaħħaħ aktar il-bażi ta' riċerka u ta' evidenza tal-ħidma tagħna, pereżempju fuq rati baxxi ta' twelid fl-UE u l-miżuri meħtieġa biex in-nies jiġu appoġġjati biex jilhqnu l-aspirazzjonijiet personali tagħhom.

Barra minn hekk, se naħdem biex nappoġġja aktar **iż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi sottorappreżentati**, inklużi n-nisa, iż-żgħażaġh u l-adulti akbar fl-età (55+), kif ukoll iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Nistgħu nużaw talent mhux sfruttat u niksbu rati ta' attività oġhla billi nissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Għall-persuni akbar fl-età, pereżempju, nistgħu nappoġġjaw lill-Istati Membri biex jimplementaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u jadattaw il-postijiet tax-xogħol, biex jipromwovu politiki li jinċentivaw xejriet ta' rtirar flessibbli, jappoġġjaw l-ippjanar tas-saħħa u dak finanzjarju tul iċ-ċiklu tal-ħajja, u jindirizzaw l-isterjotipi u d-diskriminazzjoni. Iż-żieda fir-rati ta' parteċipazzjoni b'mod partikolari għan-nisa u l-ħaddiema akbar fl-età tista' tikkumpensa parzjalment għat-tnaqqis tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol.

Għal dawn l-għanijiet, se nikkollabora mal-Kulleġġ kollu biex infasslu inizjattivi ta' politika ġodda ħalli nikkomplementaw u nespandu l-isforzi tagħna. Se naħdem b'mod partikolari mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza, fost l-oħrajn fuq il-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità u fuq l-Istrateġija tal-UE kontra l-Faqar biex nappoġġjaw gruppi żvantaġġati permezz ta' miżuri mmirati ta' inklużjoni attiva filwaqt li niżguraw aċċess għal servizzi soċjali u essenzjali. L-istrateġija Ewropea għall-Kura u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li jakkumpanjawha se jsaħħu s-servizzi tal-kura, ambizzjoni li se tiġi appoġġjata permezz tal-inizjattiva l-ġdida dwar qafas aktar koerenti għall-isfidi tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura fit-tul. Dan se jikkomplementa l-isforzi tal-Kummissjoni dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema biex jgħinu jattiraw persuni bil-ħiliet it-tajba ħalli jaqblu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tal-UE, b'mod partikolari permezz tat-tnedija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-ħidma kontinwa fuq is-Sħubijiet ta' Talent.

Bħala parti mill-ħidma tiegħi, se nuża kull għodda għad-dispożizzjoni tiegħi biex nikseb dawn l-għanijiet. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u fondi oħra tal-Politika ta' Koeżjoni diġà qed jindirizzaw l-isfidi ppreżentati mit-tibdil demografiku. Se nkomplu dawn l-investimenti u, fejn meħtieġ, nagħmlu użu mir-rieżami ta' nofs it-terminu li jmiss tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni biex nimmiraw aħjar il-finanzjament tagħna fl-Istati Membri. Għalhekk se nappoġġja lill-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u għar-Riformi fl-indirizzar tal-isfidi marbuta mat-tnaqqis ekonomiku u demografiku f'xi reġjuni tal-UE u fit-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali, sabiex in-nies ikunu jistgħu jibqgħu u jaħdmu fir-reġjuni ta' oriġini tagħhom. Se nkompli nipromwovi l-integrazzjoni tal-opportunitajiet u l-isfidi demografiċi fit-tfassil ta' politika tal-UE fl-oqsma rilevanti kollha u se naħdem biex insaħħaħ il-gwida u l-appoġġ tagħna biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jseguw taħlita wiesgħa ta' riformi, inkluż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Mistoqsija mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

9. Skont l-ittra ta' missjoni tiegħek, għandek taħdem fuq il-bini ta' sħubijiet komprensivi u ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi terzi fir-reġjun li inti responsabbli għalih, li jkunu jinkludu aspetti ta' migrazzjoni bħall-operazzjonalizzazzjoni tal-“kontrolli fil-fruntieri u l-ġlieda kontra l-kuntrabandisti tal-bnedmin”, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem. X'miżuri se tiegħu biex tiżgura li din l-operazzjonalizzazzjoni sseħħ b'mod effettiv? Kif se tiżgura li l-Parlament jista' jeżerċita s-sorveljanza tiegħu matul il-proċess kollu tal-bini ta' sħubijiet bħal dawn, speċjalment meta wħud mill-aspetti tagħhom jista' jkollhom impatt fuq il-prerogattivi leġiżlattivi tiegħu?

Jekk ninħatar Kummissarju għall-Mediterran, beħsiebni nwettag il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u b'mod partikolari l-aspetti tal-politika esterna tiegħu, f'kooperazzjoni sħiħa mal-Kummissarju għall-Affarijiet Interni u għall-Migrazzjoni. Se nikkollabora wkoll mal-membri l-oħra tal-Kulleġġ dwar it-tisħiħ ulterjuri ta' approċċ strateġiku u kkoordinat għad-dimensjoni esterna tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni, filwaqt li nibni fuq ir-riżultati miksuba s'issa.

Il-ħidma ma' pajjiżi tal-Mediterran u ma' pajjiżi terzi toffri opportunitajiet biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-migrazzjoni b'mod li jkunu ta' benefiċċju reċiproku. Meta jitqies li l-pajjiżi fir-reġjun tal-Mediterran spiss ikunu kemm pajjiżi ta' tranżitu kif ukoll ta' oriġini, l-approċċ ta' rotta sħiħa jeħtieġ li jissaħħaħ biex jiżgura s-sostenibbiltà u l-impatt fit-tul tal-azzjoni tal-UE, anki fid-dawl tal-kuntest usa' u l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat.

Fi ħdan is-sħubijiet komprensivi u strateġiċi taħt il-Patt il-Ġdid għall-Mediterran, il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni se tkun fost il-prijoritajiet ewlenin, flimkien ma' oqsma oħra ta' interess reċiproku, inkluża s-sigurtà. Se niżgura li naħdmu mas-sħab tagħna u nkomplu nipprovdulhom appoġġ fl-oqsma kollha relatati mal-migrazzjoni bħala parti mis-sħubijiet, inklużi l-protezzjoni ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, il-ġestjoni u l-governanza tal-migrazzjoni, il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, ir-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni, kif ukoll il-migrazzjoni legali u l-mobbiltà. Il-kooperazzjoni tagħna mal-viċinat tan-Nofsinhar tmur ferm lil hinn mill-migrazzjoni u stabbilita f'hafta oqsma ta' interess reċiproku li jinkludu l-investment fl-edukazzjoni, fl-infrastruttura, u fl-ekonomija usa'.

F'dan ir-rigward, minħabba interess reċiproku, huwa importanti li jinħolqu opportunitajiet, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh f'dawn il-pajjiżi, biex jippermettu rotot legali, filwaqt li fl-istess ħin inaqqsu l-migrazzjoni irregolari. Is-Sħubijiet ta' Talent jipprovdu oqfsa għall-kooperazzjoni dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u jistgħu jgħinu biex jissaħħu s-sħubijiet dwar aspetti oħra tal-ġestjoni tal-migrazzjoni. Se naħdem ma' Kummissarji oħra għall-iżvilupp ulterjuri tas-Sħubijiet ta' Talent, bl-għan li jitnaqqsu n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol tal-UE f'setturi u fi professjonijiet magħżula filwaqt li nikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp tal-ħiliet u t-tkabbir ekonomiku fil-pajjiżi ta' oriġini.

Huwa ċar li l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u l-ġestjoni tal-migrazzjoni bbażata fuq id-drittijiet se tibqa' fost l-oġhla prijoritajiet tal-UE, flimkien ma' appoġġ ipprovdut lis-sħab fil-qasam tal-protezzjoni tal-migranti, ir-ritorn volontarju, l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni u l-migrazzjoni legali.

L-appoġġ ipprovdut s'issa diġà wassal għal riżultati pożittivi fid-diversi oqsma, u kkontribwixxa wkoll għal tnaqqis fil-flussi migratorji irregolari lejn l-UE u b'hekk naqqas ir-riskju ta' telf ta' ħajjiet matul vjaġġi spiss perikolużi fuq il-baħar. Determinata li nkompli fuq din it-triq, inwettag l-impjenji li saru u nħaddem b'mod effettiv l-oġettivi tal-UE.

L-approċċ komprensiv tal-UE għall-migrazzjoni għandu jibqa' msejjes fuq is-solidarjetà u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem tal-migranti, il-persuni li jfittxu l-ażil u r-rifuġjati huma prinċipji fundamentali tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni, f'konformità mal-obbligi skont id-dritt internazzjonali. Is-sħab tagħna huma meħtieġa jissodisfaw dawn l-obbligi internazzjonali, inkluż ir-rispett tal-prinċipju ta' non-refoulement.

Se nappoġġja lill-membri tal-Kulleġġ, anki fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali permezz tal-Alleanza Globali għall-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti u Sħubijiet Operazzjonali ġodda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin (inkluż permezz ta' azzjonijiet imwettqa fil-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT, European Multidisciplinary Platform Against Criminal Threats)).

Fuq il-bażi tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni konklużi mal-pajjiżi sħab tagħna, is-sħubijiet strateġiċi u komprensivi jibqgħu strumenti mhux vinkolanti. Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, determinata li nipprovdli lill-Parlament l-informazzjoni meħtieġa, inklużi diskussjonijiet u skambji ta' fehmiet bikrija, biex ikun jista' jeżerċita s-sorveljanza demokratika tiegħu f'diversi stadji tal-proċess.

Mistoqsija mis-Sottokomitat għad-Drittijiet tal-Bniedem

10. X'miżuri konkreti biħsiebek tieħu biex tiżgura li r-relazzjonijiet mas-sħab fil-Viċinat tan-Nofsinhar usa' jkunu ggwidati mill-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-libertajiet fundamentali? Kif biħsiebek tapplika l-kundizzjonalità tad-drittijiet tal-bniedem f'dan ir-reġjun, b'mod partikolari fid-dawl tal-Memoranda ta' Qbil reċenti ffirmati (l-Eġittu, it-Tuneżija, eċċ.)? Inti impenjata li tiddedika aktar riżorsi għal programmi u membri tal-persunal li jaħdmu għad-demokrazija u li jappoġġjaw is-soċjetà ċivili fir-reġjun?

Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi huma l-pedamenti tal-Unjoni Ewropea u huma integrali għall-ġestjoni tal-finanzjament estern tagħna inkluż fir-rigward tas-sħubijiet strateġiċi u komprensivi. Dawn huma bbażati fuq għanijiet kondiviżi u interessi reċiproċi u huma mfassla biex jgħinu lill-UE tindirizza aħjar ħafna kwistjonijiet kruċjali.

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju għall-Mediterran, se niżgura li l-valuri u l-prinċipji tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem ikunu fil-qalba tal-Patt il-ġdid għall-Mediterran u tal-impenn ġenerali tagħna fil-Viċinat tan-Nofsinhar usa'. Il-Patt il-ġdid se jkun mirfud minn appoġġ kontinwu, kostanti u dirett għall-NGOs tad-drittijiet tal-bniedem u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti, inkluż permezz tal-Programmi Tematiċi tal-NDICI-Ewropa Globali. Dan għandu jinkludi riżorsi għall-programmi u għall-persunal li jaħdem għad-demokrazija u l-appoġġ għas-soċjetà ċivili. Kif imsemmi fl-Ittra ta' Missjoni tiegħi, se nużaw approċċ integrat li fih il-politiki ekonomiċi, umanitarji, ta' żvilupp, ta' paċi u ta' sigurtà kollha jkunu ta' kontribut. Filwaqt li nqis l-opportunitajiet offruti mill-inklużjoni, beħsiebni nkompli l-appoġġ kostanti tagħna għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu maż-żgħażaġh, it-tfal, il-persuni b'diżabbiltà, ir-rifuġjati, il-migranti, il-komunitajiet ospitanti, l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll gruppi vulnerabbli oħra. Nixtieq nenfasizza li, bl-appoġġ tad-delegazzjonijiet tal-UE, se nkompli naħdem permezz ta' networks lokali biex niżgura li l-fondi tal-UE jiġu diretti lill-organizzazzjonijiet lokali, bi prijorità partikolari għall-inizjattivi relatati maż-żgħażaġh bħal pereżempju ambaxxaturi tal-UE għaż-Żgħażaġħ fil-viċinat tagħna. Lanqas ma jien se noqgħod lura milli nqajjem kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-salvagwardja ta' dawn il-valuri u l-prinċipji b'mod miftuħ u kostruttiv fil-kuntest ta' djalogi politiċi regolari.

F'dan ir-rigward, beħsiebni niffoka wkoll fuq programmi li jappoġġjaw il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-trasparenza tal-finanzi pubbliċi, il-parteċipazzjoni demokratika, l-isforzi ta' riforma legali u istituzzjonali, kif ukoll il-bini tal-kapaċitajiet. L-Unjoni għandha l-istrumenti biex tagħmel dan. Pereżempju, l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju tal-UE jippromwovv riformi fil-qasam tal-finanzi pubbliċi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed taħdem ma' Organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development), u l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) biex tipprovdli assistenza mmirata għat-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi. Se nkompli naħdem mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex naraw kif inżidu t-trasparenza. Il-ħidma fuq it-trasparenza tal-baġit mal-Open Budget Partnership hija eżempju eċċellenti dwar kif jista' jkun hemm aktar trasparenza fil-finanzi pubbliċi.

Fl-aħħar nett, il-kooperazzjoni finanzjarja tagħna ma' pajjiżi terzi tapplika approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li jfisser li l-impenji internazzjonali li s-sħab tagħna ssottosrivew għalihom f'termini tad-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu rrispettati u li hemm mekkaniżmi ta' monitoraġġ robusti fis-seħħ biex jiżguraw li dan ikun il-każ. Se nimmonitorja l-effettività ta' dawn il-mekkaniżmi u nkun lesta li nieħu azzjoni fejn jiġi identifikat il-bżonn.